# BENNA L-BAQRA

Kliem u Mużika ta' Michael Piscopo

Benna, Benna, Benna, Benna l-Baqra
L-aktar ħaġa li tħobb tagħmel taqra
Kull meta tiftaħ ktieb
Weħidha jew mal-ħbieb
Għal dinja ġdida tħoss li nfetaħ bieb
Għal dinja ġdida tħoss li nfetaħ bieb.

Tħobb taqra dwar l-annimali
U dwar postijiet speċjali
Tħobb taqra xi poeżija
U stejjer tal-fantażija
Tħobb taqra dwar in-natura
U kotba tal-avventura
Tħobb taqra dwar il-kantanti
U dwar ġrajjiet importanti.

U l-ħolma ta' Benna tafu x'inhija?
Le, ma nafux x'inhija
Il-ħolma ta' Benna hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

La la la la la, la la la la la
La la la la la la, la la la la la la

Benna, Benna, Benna, Benna l-Baqra
L-aktar ħaġa li tħobb tagħmel taqra
Kull meta tiftaħ ktieb
Weħidha jew mal-ħbieb
Għal dinja ġdida tħoss li nfetaħ bieb
Għal dinja ġdida tħoss li nfetaħ bieb.

Tħobb kotba tal-ġografija
U vjaġġi bil-ferrovija
Pirati u muskettieri
Kastelli u kavallieri
Tħobb kotba tar-riċetti
U taqra dwar l-insetti
Pjaneti u satelliti
U ħrejjef favoriti.

U l-ħolma ta' Benna tafu x'inhija?
Le, ma nafux x'inhija
Il-ħolma ta' Benna hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

Tħobb taqra dwar l-annimali
U dwar postijiet speċjali
Tħobb taqra xi poeżija
U stejjer tal-fantażija
Tħobb taqra dwar in-natura
U kotba tal-avventura
Tħobb taqra dwar il-kantanti
U dwar ġrajjiet importanti.

U l-ħolma ta' Benna tafu x'inhija?
Le, ma nafux x'inhija
Il-ħolma ta' Benna hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

Benna baqra għaqlija
Kotba qrat fuq mija
U l-ħolma tagħha hija
Il-ħolma tagħha hija
Il-ħolma tagħha hija
Li taħdem ġo librerija.

© 2014 - Michael Piscopo